MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 52/2011

**L-Avukat Dottor Rachel Loporto Montebello bhala prokuratrici specjali ta' l-assenti Mary Rita maghrufa wkoll bhala Maria Camilleri**

**Vs**

**Dorothy Refalo u Salvina Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti fejn ppremettiet:

1. Illi Eucharistica sive Cristina Vella, iz-zija tar-rikorrenti Mary Rita sive Maria mart Paul Camilleri, mietet fit-8 ta' Ottubru 2009 skont kif jista' jirrizulta mic-certifikat tal-mewt taghha, li estratt tieghu qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok A.

2. Illi permezz ta’ testment pubbliku, fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro, datat 4 ta’ Lulju 2008, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok B, l-imsemmija Eucharistica sive Cristina Vella, kienet innominat u stitwiet lir-rikorrenti Mary Rita sive Maria Camilleri, fost familjari ohra taghha, bhala wahda mill-werrieta universali u padruni assoluti tal-gid kollu taghha;

3. Illi effettivament, ai termini ta’ l-imsemmi testment taghha, it-testatrici Eucharistica sive Cristina Vella innominat bhala l-eredi universali ta’ l-assi kollha taghha lir-rikorrenti Mary sive Maria Camilleri, Joseph Schembri, John Schembri, Claire mart Mario Portelli, Georgina sive Gina Bongailas, Clarissa mart Salvino Schembri, Charles Vella, Mary mart Joseph Calleja, Charles Vella u Anthony Farrugia;

4. Illi wara l-mewt ta’ zijitha, ir-rikorrenti Mary Rita sive Maria Camilleri saret taf illi lejliet il-mewt taghha, nhar is-7 ta’ Ottubru 2009, meta l-istess zijitha diga’ kienet mitlufa minn sensiha, gie ppubblikat testment iehor ta’ l-imsemmija Eucharistica sive Cristina Vella, fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok C, u dan kif jista’ jirrizulta wkoll mir-ricerki testamentarji tad-decuis.

5. Illi ai termini ta’ dan l-imsemmi testment (Dok b) illi allegatament sar mill-imsemmija Eucharistica sive Cristina Vella, din fil-waqt illi rrevokat it-testmenti precedenti kollha taghha, innominat u stitwiet bhala l-unici werrieta universali tal-beni taghha lill-intimati Dorothy Refalo u Salvina Farrugia;

6. Illi skont kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, fiz-zmien illi allegatament sar l-imsemmi testment fis-7 ta’ Ottubru 2009, it-testatrici Eucaristica sive Cristina Vella kient soggetta ghall-pressjoni ndebita ezercitata fil-konfront taghha mill-intimati u/jew ma kellhiex il-kapacita’ mentali rikjesta mil-Ligi sabiex tiddisponi minn gidha u sabiex taghti kunsens validu fil-Ligi ghall-pubblikazzjoni tat-testment in kwestjoni, li minnu bbenefikaw unikament l-

istess intimati ad eskluzjoni ta’ l-eredi universali, inkluza r-rikorrenti Mary Rita sive Maria Camilleri, li kienu nominati fit-tesment precedenti tad-decuius.

7. Illi ghalhekk it-testment tas-7 ta’ Ottubru 2009 sar unikament b’rizultat ta’ l-ghemil abbuziv u/jew doluz u nganni u/jew pressjoni ndebita da parti ta’ l-intimati, beneficjarji esklussivi tat-testment de quo u ta’ persuni ohra li agixxew fl-interess taghhom, u kwindi ma jistax jitqies bhala wiehed validu u ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-Ligi;

8. Illi kif diga’ premess ir-rikorrenti Mary Rita sive Maria Camilleri ghandha nteress illi tikkontesta l-validita’ tat-testment tas-7 ta’ Ottubru 2009 stante illi fin-nuqqas ta’ l-imsemmi testment hija tkun wahda mill-werrieta universali ta’ l-imsemmija Eucharistica sive Cristina Vella ai termini tat-testment pubbliku datat 4 ta’ Lulju 2008;

9. Illi dan il-fatti gew komunikati lill-esponenti bhala prokuratrici specjali ta’ Mary Rita sive Maria Camilleri li taf bihom personalment.

Illi r-rikorrenti ghalhekk talbet li din il-Qorti:

1. Previa dikjarazzjoni illi fil-mument meta sar it-testment tas-7 ta’ Ottubru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, it-testatrici Eucharistica sive Cristina Vella ma kellhiex il-kapacita’ mentali rikjesta mil-Ligi sabiex tiddisponi minn gidha u/jew ma kinitx f’sensiha u/jew kienet soggetta ghall-ghemil abbuziv u/jew doluz u nganni u/jew pressjoni ndebita da parti ta’ l-intimati u/jew ta’ terzi persuni li agixxew fl-interess taghhom, minghajr liema ghemil u pressjoni ndebita ezercitata fil-konfront taghha, l-imsemmija testatrici Eucharistica sive Cristina Vella ma kinitx taghmel it-testment in kwestjoni u kwindi l-istess testment huwa null u bla effett fil-Ligi ghar-ragunijiet fuq premssi.

2. Tordna illi s-succezzjoni ghall-wirt tat-testatrici Eucharistica sive Cristina Vella ghanhda tigi regolata skond id-disposizzjonijiet testamentarji msemmija fit-

testment pubbilku datat l-4 ta’ Lulju 2008 u effettivament tiddevolvi wkoll a favur tar-rikorrenti Mary Rita sive Maria Camilleri li hija wahda mill-werrieta universali taghha skond dak l-istess testment.

3. Tiddikjara wkoll illi f’kaz li jigi stabbilit li l-intimati kienu gieghlu jew bil-qerq gieghlu lit-testatrici biex taghmel it-testment imsemmi bi ksur ta’ l-artikolu 605(c) tal-Kap 16, huma ghandhom jigu meqjusa bhala mhux denji li jircievu l-wirt;

4. Tiddertermina x’kienu dawk l-assi appartenenti lilll-eredita’ ta’ l-imsemmija Eucharistica sive Cristina Vella li l-intimati approprjaw ruhhom minnhom in virtu tat-testment tas-7 ta Ottubru 2009.

5. Per konsegwenza, tikkundanna lill-intimati jroddu u/jew ihalsu lir-rikorrenti bhala ko-eredi ta’ l-imsemmija Eucharistica sive Cristina Vella, dawk il-mobbli u mmobbli kollha, inkluz flus kontanti, li huma gew fil-pussess taghhom in virtu tat-testment datat 7 ta’ Ottubru 2009, b’dan li jirreintegraw fl-intier tieghu l-patrimonju ta’ l-imsemmija defunta Eucharistica sive Cristina Vella.

6. Okkorrendo, tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att tar-rexxissjoni tat-trasferiment ta’ dawk l-assi mmobbli li gew diga’ trasferiti mill-intimati jew min minnhom lil terzi skont kif determinat permezz tal-hames u s-sitt talbiet, kif ukoll kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-kontumaci fuq l-att ta’ rexxissjoni relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Dorothy Refalo u Salvina Farrugia fejn eccepew:

1. Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attrici nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwiex minnu li t-testatrici ma kellhiex il-kapacita’ mentali rikjesta mil-ligi sabiex tiddisponi minn gidha u/jew ma kinitx f’sensiha u/jew kienet soggetta ghall-ghemil abbusiv u/jew doluz u ngann

u/jew pressjoni ndebita da parti ta' l-intimati u/jew ta' terzi persuni li agixxew fl-interess taghhom u dan hekk kif ser jigi pruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-ahhar testment sar fuq xewqa libera u spontanja tal-istess testatrici, li kellha l-kapacitajiet kollha rikjesti mil-ligi li tiddisponi minn gidha u ghaldaqstant ix-xewqa tat-testatrici ghandha tipprevali. Infatti huwa l-istat ta' kapacita li jikkostitwixxi r –regola u l-inkapacita', l-eccezzjoni. Li jfisser li illi 'la prova contaria incombe all-opponente lo stato di sanita' (Paolo Scchembri et vs Maria Galea et, Prim Awla, Qorti Civili, 16 ta' Ottubru 1883);

3. Illi jsegwi ghalhekk illi l-ahhar testment ta' l-attrici li huwa munit anke f'certifikat mediku huwa validu skont il-ligi u ghandu jigi rispettat fl-interezza tieghu.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum fuq l-ewwel tliet talbiet attrici.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Permezz ta' dawn il-proceduri l-attrici qeghdha tikkontesta l-validita' ta' testment li ghamlet Eucharistica sive Cristina Vella fis-7 ta' Ottubru, 2009 quddiem in-Nutar Dr Paul George Pisani peress li ssostni li ma kellhiex il-kapacita' mentali li tiddisponi b'testment u/jew ma kinitx f'sensiha u/jew kienet soggetta ghal eghmil abbuziv u/jew doluz u inganni u/jew pressjoni indebita da part ital-konvenuti u/jew ta' terzi persuni li agixxew fl-interessi taghhom. Ghalhekk fl-ewwel lok qeghdha titlob dikjarazzjoni li dan it-testment huwa null u bla effett.

Min-naha taghhom il-konvenuti wiegbu li t-testment huwa wiehed vaildu skont il-ligi.

Illi l-**fatti** huma s-segwenti:

- Eucharistica sive Cristina Vella (minn issa 'l quddiem se tigi riferuta bhala Cristina) kienet xebba. Hija mietet fit-8 ta' Ottubru 2009 fl-eta' ta' tmenin (80) sena.
- Cristina kienet tbati bil-kundizzjoni tad-dijabete u ghalkemm kellha bzonn amputazzjoni ta' sieq minnhom hija baqghet tirrifjuta tali operazzjoni u kien ghalhekk li l-kundizzjoni taghha marret ghall-aghar.
- Ir-rikorrenti Mary Rita maghrufa bhala Maria Camilleri hija wahda min-neputijiet ta' Cristina Vella.
- In-neputijiet ta' Cristina Vella jghixu kollha fl-esteru.
- Mill-atti jirrizulta li Cristina Vella kienet ghal madwar hamsin (50) sena tghix ma' Salvina Farrugia, wahda mill-konvenuti, fid-dar ta' l-istess Salvina Farrugia fis-Sannat, Ghawdex.
- Permezz tat-testment pubbliku tas-7 ta' Ottubru 2009, Cristina Vella filwaqt li hassret u rrevokat kwalunkwe testament li setghet ghamlet innominat u istitwit bhala eredi universali tal-beni taghha kollha mobbli u immobbli, prezenti u futuri lil Salvina Farrugia u Dorothy Refalo. Ma' dan it-testment kien hemm anness certifikat mediku.
- Cristina Vella ma ffirmatx fuq it-testment u gie dikjarat min-Nutar li hija ma setghetx tiffirma.
- Il-hin indikat fit-testment huwa l-5.30p.m.[1]
- Ftit sieghat wara t-testment, Cristina ddahlet l-isptar biex l-ghada filghodu mietet.
- Ftit aktar minn sena qabel, precizament fl-4 ta' Lulju 2008 Cristina Vella kienet ghamlet testament li permezz tieghu nnominat u istitwit b'eredi universali taghha f'ishma indaqs bejniethom lil ghaxar neputijiet taghha fosthom l-attrici odjerna.

L-artikolu 655(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Bla hsara ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodici, it-testment pubbliku ghandu jircevih u jippubblikah nutar, quddiem zewg xhieda, bhal kull att nutarili iehor, taht id-*

[1] In-Nutar Pisani fis-seduta tat-3 ta' Frar 2012 a fol 76 et seq tal-process spjega li dan huwa l-hin li jiffirma huwa ghaliex id-data u l-hin jaghmilhom l-ahhar haga.

*disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili ukoll ghal dik li hi l-firma tat-testatur, skont jekk dan jkunx jaf u jistax jikteb"*

L-artikolu 597 tal-Kodici Civili jipprovdi li huma inkapaci li jiddisponu b'testment:

*"(b) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaci li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minhabba xi difett jew hsara, ma jkunux kapaci, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda taghhom:*

*Izda testment jista' biss isir permezz ta' interpretu jekk dan ikun testment pubbliku u n-nutar li jkun qed jircievi t-testment ikun sodisfatt, wara li jaghti gurament lill-interpretu, li dak l-interpretu jista' jinterpreta x-xewqat tat-testatur b'mod korrett; u*

*(d) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment;"*

Illi imbaghad l-artikolu **599 tal-Kap 16** jistipula li *'it-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita' tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu'.*

Illi z-zmien relevanti ghall-prova ta' din l-inkapacita' d-dottrina tghallem li:

*'Se senz'essere alienato, il testatore si trovava nell'impossibilita' di manifestare il proprio volere, bisogna naturalmente che l'attore provi che la causa che gl'impediva di manifestare la sua volonta' esisteva nel momento dell'atto'.*[2]

Illi kif intqal fis-sentenza **Lewis Spiteri vs Angela Aquilina**[3] meta ssir kawza ghall-impunjazzjoni ta' testment minhabba inkapacita' mentali tat-testatur il-

[2] **Laurant: Principii di Diritto Civile;** Vol XI para 139 pag 144.
[3] Cit Nru: 785/2003GV deciza fit-28 ta' Gunju, 2006

principji li jiggvernaw il-vertenza ghandhom ikunu s-segwenti:

Fl-ewwel lok, il-kapacita' li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita' hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita'; liema presunzjoni hija "*juris tantum*". Kull persuna ghandha titqies *of sound mind* u li tippossjedi l-fakultajiet mentali ta' persuna ordinarja, u ghalhekk ghandha tkun prezunta bhala kapaci. Huma ikkonsidrati inkapaci li jiddisponu b'testment dawk li fi zmien it-testment ma jkunux f'sensihom.

Illi sabiex it-testatur ikun kapaci jaghmel testment ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x'inhu jaghmel. Ma hemmx ghalfejn illi it-testatur ikollu *"una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quell limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio' che si fa…….. basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria onde sia capace di determinazione e di volonta' ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose …"*[4].

L-inkapacita' tat-testatur ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja t-testment. *"Huwa principju accettat li, kemm fil-kaz ta' persuna li ma kienitx kapaci taghmel testament, u kif ukoll fil-kaz fejn jigi allegat li persuna kienet imgeghla taghmel testament, il-piz tal-prova jaqa' fuq min irid igib it-thassir tat-testment"*[5]

"Sabiex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet….*i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persona defunta a riguardo della quale non sono piu' possibili quegli esperimenti medico legali*". Min jipprova jimpunja t-

[4] **Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak,** Appell Civili deciz fl-20 ta' Gunju, 1938.

[5] **John Agius vs Carmelo Agius**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-8 ta' Lulju, 2004

testment jehtieg li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-testment it-testatur ma kienx kapaci. "*La prova deve essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne' volonta propria*"[6]**;**

Il-Qrati taghna dejjem kienu riluttanti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita' mentali tat-testatur jekk dik l-inkapacita' ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment[7]*.* Il-prova ghandha tkun konklussiva u kull dubju ghandu jmur favur il-validita' tat-testment.

Ir-ragjonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment hija wahda mill-kriterji li ghandhom iwasslu lill-gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita' mentali jew le tat-testatur, jigifieri biex jiddeciedi jekk fil-waqt li kien qieghed jaghmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza bizzejjed ta' dak li kien qieghed jaghmel u volonta' li jiddetta dawk id-disposizzjonijiet li hemm fit-testment.

L-Imhallef M. Caruana Curran spjega li f'kazijiet ta' din ix-xorta, *"Certament ghandha tahrab kwalunkwe prekoncett, sia li min hu xih mhux kapaci, sia li kull min hum arid mhux f'sensih. Jekk qatt ghandu jkun hemm xi prekoncett, jekk dana huwa il-vokabolu korrett, dan huwa biss il-presunzjoni tal-kapacita', salva il-prova kuntrarja li pero' ghandha tkun, kif fuq intqal, rigoruza"*[8]

Ghandhom ukoll relevanza qawwija d-deposizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testaturi u n-Nutar li ghamel it-testment, dwar l-istat u l-komportament tat-testatur fiz-zmien relevanti.

---

[6] **Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak**, Appell Civili, 20 ta' Gunju, 1938

[7] Vol 34 p 108 App **Vassallo vs Dr. V. Sammut** 24 ta' April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App **Formosa vs Axiak** 20 ta' Gunju 1938.

[8] **Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et,** deciza fl-24 ta' April 1950, Vol XXXIV.I.108

Imbaghad fejn hemm l-allegazzjonijiet dwar raggiri, kaptazzjoni u mezzi lleciti ohra li jeffettwaw il-kunsens tat-testatur, il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti. Diversament, f' kaz ta' dubju, dan ghandu jmur favur il-konvenut li kontra tieghu tkun ezercitata din l-azzjoni[9]. Illi sabiex l-eghmil qarrieqi ikun motiv ta' nullita', irid jintwera illi l-qerq uzat kien ta' entita' tali illi, kieku ma kienx sar, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet li kien effettivament deher illi ghamel. Irid jirrizulta, ghas-success tal-azzjoni, illi l-volonta' tat-testatur tkun giet imdawwra bhala rizultat dirett ta', u b'effett tal-qerq adoperat fuqu. Hekk biss ir-raggiri jkunu effettwaw il-kapacita' tat-testatur. Mhux bizzejjed li t-testatur ikun qaghad ghax-xewqa ta' persuna ohra, u li jkun ikkuntentaha fid-disposizzjonijiet testamentarji. Daka ma jammontax ghal qerq

Illi kif inghad fis-sentenza **Hayman et vs Caruana et**[10] sakemm persuna ghadha hajja u kapaci, ghandha l-jedd li taghmel b'gidha kulma thalliha taghmel il-ligi. *"Il-fatt li persuna tintlaqat hazin b'bidla f'testment, ma jfissirx li dak it-testment ikun sar taht l-influwenza tal-qerq jew bil-kunsens vizzjat. Bhalma c-cirkostanzi tal-hajja jinbidlu mal-medda taz-zmien hekk ukoll ir-rieda tal-bniedem li, meta jara l-affarijiet kif tassew ikunu, jista' jisghob bih bli jkun ghamel qabel jew jaghmel xi haga biex tkun tirrifletti aktar ghal dak li gara wara. L-ebda wahda minn dawn ic-cirkustanzi ma tixhed vjolenza tal-kunsens".*

Illi bhas-soltu, l-Qorti ghandha quddiema zewg versjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. L-attrici tallega li kien hemm komplott bejn il-konvenuti u whud mix-xhieda mressqa nkluz ghalhekk in-Nutar Pisani u t-tabib tal-familja Dr Peter Muscat sabiex jinghad li t-testatrici fil-mument li kien qieghed isir it-testment kienet f'sensiha u setghet tikkomunika, mentri fil-verita' ma kienx hekk. Min-naha l-ohra filli tghid li t-testatrici ma kinitx f'sensiha filli tghid li giet ingannata b'raggiri mill-konvenuti partikolarment minn Dorothy Refalo li fil-passat taghha

[9] **Camilleri et vs Camilleri,** Appell Civili, 19 ta' Mejju, 1947
[10] Cit Nru: 1665/1999JRM deciza fis-6 ta' April, 2011

jirrizulta li gieli xelfet difrejha mal-gustizzja. Hija ssostni li kemm hija kif ukoll kugini ohra taghha li gieli jkunu jcemplu biex jaraw kif kienet Kristina u jew Dorothy jew Salvina kienu jghidulhom li jew li Kristina kienet rieqda jew li ma setghetx tkellimhom. Kwindi qed jallegaw li kienu qed ibeghduhom minn zijithom volutament. Hawnhekk mill-ewwel irid jinghad li *"l-impunjazzjoni tat-testment minhabba kaptazzjoni jew suggestjoni tippresupponi l-kapacita' tat-testatur u ghalhekk hikontradittorja mal-impunjazzjoni minhabba inkapacita' mentali assoluta (Vol XLI.i.83)"*

Min-naha taghhom il-konvenuti jsostnu li Cristina Vella kienet mara li kellha rasha iebsa u ma kinitx xi persuna li tghidilha x'ghandha taghmel. Huma jsostnu li dakinhar li sar it-testment kienet f'sensiha u hadd ma gieghlha taghmel xejn.

Meta l-qorti jkollha quddiemha versjonijiet konfliggenti referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia**[11] fejn gie ritenut:

*'Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*[12]

*Jigu osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[13]*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni.*

---

11 Cit Nru: 1523/1997 deciza fil-5 ta'Ottubru, 2004
12 **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1996
13 App.Inf, .**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et** deciza fit-22 ta' Novembru 2002

*Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet*[14]*. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.'*

Illi f'dan il-kaz pero' ma xehdux biss il-partijiet. Infatti tressqu diversi xhieda ohra li se ssir referenza ghalihom.

Mix-xhieda ta' Dr Josette Rapa[15] jemergi li Cristina Vella giet irreferuta ghall-isptar fis-7 ta' Ottubru 2009 minn Dr Peter Muscat. Hija ddahlet l-isptar fit-8.10p.m. fl-Emergenza. It-*ticket of referral* minn Dr Muscat kien *"deterioration in general condition, eighty year old patient, known diabetic, with severe gangrene of the right foot, admitted several times but refusing operation, today coffee ground vomiting".* Fl-emergenza ghamlulha l-*anointing of the sick* u fi kliem ix-xhud dan isir *"meta xi hadd ikun wasal fl-ahhar".* Fil-file mediku ta' Cristina l-ahhar nota tirreferi ghall-ghada filghodu li ddahlet (aktarx lejn it-8.00a.m.) u taqra li: *"Patient does not answer to pain. Very poor agonic general condition. Patient is not fit for any kind of intervention even under vital indication. Continue conservative treatment.not for CPR. Tender love and care".*

Xehdet ukoll li qabel din l-ammissjoni Cristina Vella kienet iddahhlet l-isptar fl-4 ta' Settembru 2009 minhabba kwistjonijiet relatati mad-diabete u gangrene. Fil-11 ta' Settembru 2009 offrewlha li jnehhuwlha ftit mil-laham hazin li kellha f'saqajha u hija rrifjutat u hija stess iffirmat il-formola ghaliex ma riditx l-operazzjoni.

---

[14] App.Civ. **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace**[1986] Vol.LXX.II.144
[15] Li xehdet in rapprezentanza tal-Isptar Geberali ta' Ghawdex fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011 a fol. 35 et seq tal-process

Dr Joseph Rapa[16] kien it-tabib li ra lil Cristina Vella ghall-habta tat-8.15p.m. hekk kif iddahlet fl-Emergenza. Huwa xehed li l-pazjenta ma kinitx f'sensiha kompletament, *"kienet iddeterjorat b'tali mod illi kwazi qed tmut jigifieri f'dak l-istadju".* Dak il-hin huwa ma setax jikkomunika maghha. In kontro-ezami spjega li l-pazjenta tant kellha pressjoni baxxa li l-konoxxenza taghha kienet f'diffikulta' ghaliex ma kienx hemm bizzejjed demm ippumpjat ghal gor-ras u kienet qisha b'hass hazin fuqha. Madankollu huwa ma setax ighid kif kienet fil-5.00p.m.

In-Nutar Pisani[17] xehed li kienet cemplitlu Dorothy Refalo u mar ghand Cristina Vella gewwa s-Sannat. Cristina gharfitu. Huwa sab lil Cristina fis-sodda u meta kien qieghed isir it-testment kienu prezenti wkoll il-konvenuti. Cristina qaltlu li riedet thalli lil Salvina Farrugia u lil Dorothy Refalo. Huwa xehed li pogga hdejha, *"ma kinitx xi vuci tghajjat hafna, imma intelligibli ghalija li kont sodisfatt illi kienet taf x'inhi taghmel".* Infatti meta stqsiha x'tixtieq taghmel, qaltlu *"nixtieq nikteb lil dawn".* Ma kinitx konverzazzjoni twila hafna. Meta staqsiha ridietx thalli xi haga lil xi haddiehor hija wegbitu fin-negattiv u ghalhekk huwa qal *"jigifieri ghax jiena ghalija dawk huma bizzejjed li bniedem jaf x'qed jiddisponi".* Dwar il-fatt li waqt li kien qieghed jinkiteb it-testment kien hemm prezenti Salvina Farrugia u Dorothy Refalo spjega *"jiena sakemm ma jkunux qed jinfluwenzawhom jew sakemmma jkunux qed jitkellmu huma u ma titkellimx it-testatrici, ma nkeccihomx".* F'dan il-kaz huwa kkonferma li l-konvenuti ma intervenew bl-ebda mod.

In-Nutar Pisani[18] xehed ukoll *"Jiena fis-seduta tat-tlieta (3) tax-xahar ghidt li jiena kieku kelli l-ombra tad-dubbju jew kieku kelli diffikulta' kieku ma kontx se naghmlu. U gieli mort ghand in-nies u m'ghamiltux it-testment."* Mar oltre minn hekk meta ddikjara *"Jigifieri jiena ghalkemm hemm ic-certifikat jien m'iniex marbut li noqghod fuq ic-certifikat".* Dwar il-fatt li t-testatrici ma ffirmatx fuq it-testment qal li ma kinitx tiflah probabilment.

[16] Seduta tat-3 ta' Frar 2012 a fol 61 et seq tal-process
[17] Seduta tat-3 ta' Frar 2013 a fol 76 et seq tal-process
[18] Seduta tat-13 ta' Marzu 2012 a fol 115 et seq tal-process

Dr Peter Muscat[19], it-tabib kuranti ta' Cristina Vella ghal madwar ghoxrin (20) sena, xehed li hija kellha d-diabete. Huwa spjega li Cristina kienet mardet b'saqajha. Hija kellha c-cirkolazzjoni baghtuta u kellha ferita f'saqajha u kellha bzonn il-kura u medikazzjoni. Fl-ahhar sena kellha l-gangrene u spjega li fuq sitta/seba' xhur dahhalha xi hames darbiet l-isptar, bl-ispecjalisti jissuggeruwlha li taghmel amputazzjoni tas-sieq izda Cristina baqghet tinsisti li ma tridx. Huwa kien spjegalha l-konsegwenzi ghar-rifjut taghha li taghmel l-operazzjoni u anki l-ispecjalisti izda hija baqghet ferma fid-decizjoni taghha. Anki l-konvenuti kienu konxji minn dan kollu. Ghalkemm kienet taghmel uzu minn siggu tar-roti Cristina qatt ma spiccat *bedridden*.[20]

Fl-ahhar granet kien imur jaraha kuljum biex jimmedikaha. L-infezzjoni bdiet tidhol il-gewwa u infatti bdew inaddfulha l-ferita kuljum. Kien imur ghall-habta ta' l-4.00p.m. u l-4.30p.m. Dakinhar tas-7 ta' Ottubru 2009 huwa mar darbtejn. L-ewwel darba kienet il-vizta tar-rutina (kwindi hadd ma cempillu biex imur) it-tabib xehed li hija kienet orjentata u l-menti taghha kienet bhas-soltu. Huwa seta jikkomunika maghha dak il-hin. Hija kienet qeghda titkellem normali. Kienet preparata fis-sodda biex jimmedikalha saqajha u sahansitra obditu ghall-istruzzjonijiet li taha.

Filwaqt li kkonfermaha li rrilaxxa c-certifikat anness mat-testment inkwistjoni[21] Dr Muscat xehed li waqt l-ewwel vizta Cristina qaltlu li kienet qeghda tistenna n-Nutar u riditu jaghmlilha certifikat biex ighid li hija kienet kapaci taghmel testment. Dak il-hin li talbitu c-certifikat kienu wahdehom fil-kamra.

Imbaghad huwa xehed li regghu cemplulu biex jerga' jmur ghax Cristina kienet iggravat. Meta mar ghall-habta tas-7.30p.m., *"Cristina Vella kienet tidher ghajjiena dak il-hin, tidher ghajjiena pero' kienet tkellimni xorta".* Hija qaltlu li

---

[19] Seduta tat-13 ta' Marzu 2012 a fol 92 et seq tal-process
[20] Dan jikkuntrasta max-xhieda ta' Dr Marisa Farrugia
[21] Dok A a fol 26 tal-process

kienet ghajjiena u ma tiflahx. Huwa raha bhad-drabi l-ohra li kienet iddahhlet l-isptar cioe' kienet *dehydrated.*

Dwar Dorothy, huwa ma jafx jekk kinitx impjegata ma' Cristina. Biss kienet tkun id-dar maghha u tghin fil-bzonnijiet taghha. Dorothy kienet tghinha tbiddel ghax Cristina spiccat fuq is-siggu tar-roti. Anki Salvina Farrugia kienet tghin pero' din ukoll tbati bi problemi f'saqajha.

Illi l-attrici fl-affidavit taghha xehdet li kienet iccempel lil Cristina kull tliet (3) xhur. Fl-ahhar gimghar qabel ma mietet ma setghetx tkellimha ghax Dorothy jew Salvina kienu jghidulha li jew hija rieqda jew li ma setghetx tkellimha. Altrimenti l-affidavit taghha huwa mimli affermazzjoniiet li mhuma xejn hlief *detto del detto.* Neputi iehor ta' Cristina Vella, Tony Farrugia xehed li gieli marru jaraw lil Cristina u kienet ta' spiss tghidilhom li kienet se taqsam l-assi kollha taghha bejn in-neputijiet kollha.

L-attrici pprezentat ukoll bhala xhud taghha lil Dr Marisa Farrugia[22] li tigi n-neputija tal-konvenuta Salvina Farrugia. Xehdet li Cristina u Salvina kienu nies rizervati hafna. Hija kienet izzurhom b'mod regolari u tixhed li Cristina gieli qaltilha li bit-trasferiment tad-dar f'Sannat Road ghaf-favur ta' Salvina Farrugia fl-1961 hasset li kienet hadet hsieb lil Salvina Farrugia. Apparti li zzurhom hija kienet iccempel lil Salvina madwar tlett darbiet fil-gimgha. Anki ma' Dr Muscat kienet tikkomunika u tiddeskrivi lilha nnifisha bhala l-*carer* taghhom nonostante li hija ma tghix Ghawdex. Meta Kristina qatghet subghajha u kienet damet gimghatejn gewwa Sptar privat hija kienet tmur taraha kuljum. Hija ddeskriviet lil Cristina bhala li *"minn dejjem kienet mara ta' kelma soda u rasha iebsa li mhux fcali ddawrilha fehmtha".* Kien f'dan iz-zmien li kienet l-isptar li talbitha biex ix-xhud tiehu hsieb lil Salvina u li gidha kienet se thallih lin-neputijiet ta' l-Awstralja. Tghid ukoll li Cristina kienet qaltilha biex tirrangalha ghand is-sorijiet. Skontha, Dorothy Refalo tfaccat ghall-habta ta' April 2009. Cristina kienet tghidilha li Dorothy dejjem tghajjat maghha u tgergrilha ghax taghmel tahtha fis-sodda. Ziedet ukoll li

[22] Affidavit a fol 163 et seq  tal-process

meta kienet izzurhom Ghawdex Dorothy ma kinitx tafdaha wahdeha ma’ Cristina. Tghid ukoll li Cristina kienet titlobha biex tghinha tehles minn Dorothy u qaltilha li Dorothy dejqitha hafna u li kien qed ikollhom xi jghidu ghaliex bdiet tissikkaha biex tbiddel it-testment fuqha u fuq Salvina. Semmiet ukoll li meta marret fit-8 ta’ Settembru 2009 Cristina m’gharfithiex u fil-21 ta’ Settembru 2009 ma kellmithiex, kienet mitluqa agonija fis-sodda, kienet mitlufa u mhux lucida. Fl-ahharnett xehdet li Dorothy kienet tidher kuntenta fil-funeral ta’ Cristina u li sahansitra qaltilha li ghat-testment Cristina ma kinitx f’sensiha u li ghalhekk kien faclili ddawwar kollox fuqha u fuq Salvina.

Min-naha taghhom il-konvenuti ressqu diversi xhieda fosthom iz-zewg xhieda tat-testment li qieghed jigi inficjat. Kemm Agnes Cauchi[23] u zewgha kkonfermaw li dakinhar li kien qieghed jigi redatt it-testment Cristina kienet f’sensiha u kienet qeghda tikkomunika man-Nutar. Maria sive Miriam Bonnici[24], nurse fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex u li inzertat kienet ilha taf lil Cristina minn mindu kienet zghira u hija mhallta mil-boghod maghha, kienet xoghol fl-Emergenza meta Cristina ddahlet l-ahhar darba l-isptar u kienet marret fl-ambulanza ghal Cristina. Hija xehdet li meta waslu fuq il-post sabet lill-konvenuti u lil Cristina fis-sodda. Cristina gharfitha u kelmitha. Kienet tidher ftit ghajjiena pero’ kienet koxxenti u tirrispondi ghall-mistoqsijiet semplici li ghamlitilha.

Xhieda ohra bhal Mary Mifsud[25] tghid Dorothy kienet ilha aktar minn sena tiehu hsieb lil Cristina. Kienet taraha ma’ Cristina timbutta s-siggu tar-roti ta’ sikwit iduru dawra zghira mat-toroq tar-rahal. Tghid li anki fl-ahhar gurnata ghall-habta ta’ l-4.00p.m. ratha wkoll. Anki Agnes Cauchi u zewgha jikkonfermaw li Dorothy kienet ilha tiehu hsieb lil Cristina matul l-ahhar sentejn qabel ma’ din mietet.

---

[23] Affidavit a fol 186 tal-process

[24] Affidavit a fol 184 tal-process; Kontro-ezami fis-seduta tal-10 ta’ April 2013 a fol 219 tal-process

[25] Xhieda in kontro-ezami fis-seduta tal-14 ta’ Frar 2013……….

Dorothy Refalo[26] xehdet li ilha taf lil Cristina u lil Salvina dejjem flimkien. Sa minn mindu kienet zghira kienet midhla taghhom proprju peress li Salvina hija prim kugina ma’ ommha. Spjegat li b’xi mod hija gieli qdiet lil dawn it-tnejn jew waslithom x’imkien. Madankollu Cristina bdiet aktar titlob l-ghajnuna taghha u kienet hija li avvicinatha u talbitha biex tiehu hsiebha. Hija kienet tnaddaf u tghin lil Salvina ssajjar. Kienet ukoll tahsel lil Cristina u tbiddlilha u anke tnaddfilha l-feriti. Prattikament kienet tghix fid-dar ta’ Salvina hlief ghall-irqad.

Ghar-rigward ta’ dakinhar li kien qieghed isir it-testment, Cristina kienet fuq is-sodda b’zewgt imhaded wara daharha. Xehdet li Cristina kellmitu lin-Nutar. Hija baqghet prezenti ma’ Cristina sakemm mietet. Ikkonfermat ukoll li kemm Cristina kif ukoll Salvina kienu jafu l-passat taghha u li kellha l-vizzju tad-droga u li kienet anki skontat piena l-habs izda hija ghamlet il-programm tar-riabilitazzjoni.

Salvina Farrugia[27] xehdet li meta hija u Cristina kien ikollhom bzonn xi haga barra mir-rahal kien iqabbdu lil Dorothy. Huma bdew isibuha ghall-qadi u maz-zmien ma bdewx ighaddu minghajr l-ghajnuna taghha. Peress li l-kundizzjoni tad-diabete ta’ Cristina bdiet tmur ghall-aghar u irrifjutat l-operazzjoni l-bzonnijiet taghha bdew jizdiedu. Cristina kienet talbitha biex ma tehodhix tax-xjuh u b’hekk l-istess Cristina daret fuq Dorothy li kienet taghmel li jkun hemm bzonn. Kienet tahsilha, tnaddafha, titmaghha u tohrogha dawra zghira mar-Rahal. In kontro-ezami[28] xehdet li Dorothy kienet bdiet tiehu hsiebhom kuljum xi sentejn qabel il-mewt ta’ Cristina.

Mill-ewwel din il-Qorti tirrileva li ma tqisx li ghandha twarrab ix-xhieda tan-Nutar facilment kif qed jippretendu l-atturi. Hekk kif inghad fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell[29] fl-ismijiet **Joseph Galea pro et noe vs Maria Camilleri** *‘nutar huwa ufficjal pubbliku u li in dizimpenn tal-professjoni tieghu huwa ma jiehux il-patrocinju jew*

---

[26] Affidavit a fol 175 tal-process
[27] Affidavit a  fol 179 tal-process
[28] Seduta tal-5 ta’ Gunju 2013
[29] Deciza l-1 ta’ Lulju, 1965

*interess ta' xi parti fil-konfront ta' interessi ta' haddiehor'.* U lanqas tat-tabib Dr Peter Muscat li fl-ahhar mill-ahhar kien it-tabib kuranti tad-decujus. Il-qorti ma temminx li dawn iz-zewg professjonisti kienu b'xi mod involuti f'xi konfoffa hekk kif tghid l-attrici. Din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata.

Illi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tattakka l-kredibilita' tax-xhieda mressqa mill-konvenuti u tghid li x-xhieda taghhom hija mimlija inkonsistenza u li kienu parti minn komplott immexxi principalment minn Dorothy Refalo. Il-Qorti ma taqbilx. Huwa minnu li hemm xi inkonsistenzi izda dan ma jfissirx necessarjament li l-istess xhieda kienu qeghdin jigdbu. Oltre' dan, il-qorti ma tistax ma tikkumentax li l-attrici u prattikament ix-xhieda kollha li ressqet hija jghixu fl-esteru u ghalhekk ftit jistghu jixhdu dwar l-istat ta' sahha ta' Cristina Vella u certament ma jistghux jitfghu dawl fuq il-kapacita' mentali ta' Cristina Vella waqt li kien qieghed isir it-testment. Anzi prezentaw affidavits li huma mimlija asserzjonijiet gratuwiti u allegazzjonijiet infondati.

Din il-qorti hija konvinta li waqt it-testment Cristina ghalkemm fizikament kienet ghajjiena hafna u ma kinitx f'posizzjoni li taghmel xi konversazzjonijiet twal, matul it-testment hija kienet taf x'inhi taghmel. Dan gie attestat minn Nutar Pisani u kif ukoll mit-tabib kuranti Dr Muscat li kien ghadu kif iccertifikaha proprju ftit minuti qabel ma sar il-testment. Il-fatt li ma ffirmatx juri li kienet ghajjiena fizikament izda dan ma jwassalx ghall-konkluzjoni li necessarjament hija ma kinitx f'sensiha.

Inoltre' din il-Qorti tqis li disposizzjonijiet testamentarji li nsibu f'dan it-testment huma ghal kollox logici. Fl-ahhar mill-ahhar it-testatrici ghexet ma' Salvina Farrugia ghal hamsin sena shah u lil Dorothy Refalo sabitha ta' wens fl-ahhar zminijiet difficli ta' hajjtiha. Ma jridx jintesa li n-neputijiet taghha ghalkemm m'hemmx dubju li huma kienu jirrispettawha u hija kienet thobbhom pero' fil-mument tal-bzonn huma ma kienux vicin taghha. U jekk verament kienu qeghdin jinkwetaw jew ihossu li Dorothy kienet qed tipprova tbeghdhom mix-zija taghhom hadd ma pprova

jintervjeni u jipprotegi lil zitu u ghalhekk din il-Qorti ssibha difficli temmen din il-versjoni.

Ma jridx jintesa wkoll li Cristina Vella kienet xebba u ghalhekk skont il-ligi hija setghet thalli gidha lil min kien jidrilha hija.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------